MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta tas-26 ta' Frar, 2008

Avviz Numru. 39/2007

Maltacom plc [C 22334] u b'digriet tat-18 ta' Dicembru 2007, l-isem Maltacom plc gie mibdul ghal GO p.l.c.

vs

Charles Lee Barry

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :

"Illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' Maltacom plc is-somma ta' mitejn u sitta u sebghin liri Maltin u tnejn u sittin centesimi [Lm276.62] dovuti in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21562841 [A/C no. 40049537] li kien installat fil-fond maghruf bl-isem "Merci Mon Pere", Triq Il-Mithna, Zebbug, Ghawdex, skond diversi kontijiet mibghuta, flimkien ma' l-ispejjez, l-imghaxijiet, u drittijiet legali.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, u tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni."

Ra li l-konvenut debitament innotifikat skond il-ligi bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh fl-4 ta' Dicembru 2007, la deher u lanqas ipprezenta risposta;

Fl-udjenza tat-23 ta' Jannar 2008, is-socjeta' attrici rriduciet l-ammont tat-talba minn sitt mija u erbgha u erbghin Euro u hamsa u tletin centesimi (€644.35) ekwivalenti ghal mitejn u sitta u sebghin liri Maltin u tnejn u sittin centesimi [Lm276.62] ghal sitt mija u tnax -il Euro u disgha centesimi (€612.09) ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u sittin liri Maltin u sebgha u sebghin centesimi (Lm262.77);

Fl-istess udjenza wkoll tat-23 ta' Jannar 2008, sama' lil Emanuel Cini, *customer services officer* mal-kumpanija attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont kif ridott minn dak li gie ndikat fl-avviz tat-talba ghadu dovut fl-intier tieghu, u li l-konvenut baqa' ma hallas xejn minnu;

Fl-udjenza tal-1 ta' Frar 2008, gew ipprezentati kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut, u fl-udjenza tal-14 ta' Frar 2008, gew miftuha dawn il-kapitoli, u fl-assenza tal-konvenut wara li gie debitament imsejjah diversi drabi skond il-ligi, u baqa' ma deherx, il-kapitoli gew approvati u meqjusa bhala li gew mistqarra mill-konvenut.

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidra ghalhekk li t-talba tas-socjeta' attrici hija gusta u timmerita li tigi milqugha.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u tnax -il Euro u disgha centesimi (€612.09) ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u sittin liri Maltin

u sebgha u sebghin centesimi (Lm262.77), ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21562841 [A/C no. 40049537], bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data tal-prezentata tal-avviz tat-talba, sal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali, u bil-VAT, kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------